



---

*Kumitat għall-Iżvilupp*

---

**2016/0414(COD)**

13.10.2017

# **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali  
(COM(2016)0826 – C8-0534/2016 – 2016/0414(COD))

Rapporteur (għal opinjoni): Ignazio Corrao

PA\_Legam

## **EMENDI**

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbi, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### **Emenda 1**

#### **Proposta għal direttiva**

##### **Premessa 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Il-ħasil tal-flus u l-finanzjament relatat mat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata għadhom problemi sinifikanti fil-livell tal-Unjoni, li jagħmlu īxsara lill-integrità, l-istabbiltà u r-reputazzjoni tas-settū finanzjarju u jheddu s-sigurtà interna u s-suq intern tal-Unjoni. Biex tittratta **dawk il-problemi** u ssahħħah ukoll l-applikazzjoni tad-Direttiva 2015/849/UE<sup>34</sup>, din id-Direttiva għandha l-għan li tittratta l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali, filwaqt li tippermetti kooperazzjoni transfruntiera aħjar bejn l-awtoritajiet kompetenti.

*Emenda*

(1) Il-ħasil tal-flus u l-finanzjament relatat mat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata għadhom problemi sinifikanti fil-livell tal-Unjoni, li jagħmlu īxsara lill-integrità, l-istabbiltà u r-reputazzjoni tas-settū finanzjarju u jheddu s-sigurtà interna u s-suq intern tal-Unjoni. Biex tittratta **din il-problema urġenti** u ssahħħah ukoll l-applikazzjoni tad-Direttiva 2015/849/UE<sup>34</sup>, din id-Direttiva għandha l-għan li tittratta l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali, filwaqt li tippermetti kooperazzjoni transfruntiera aħjar bejn l-awtoritajiet kompetenti.

---

<sup>34</sup> Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

<sup>34</sup> Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

### **Emenda 2**

#### **Proposta għal direttiva**

##### **Premessa 3**

### *Test proposet mill-Kummissjoni*

(3) Jinħtieġ li l-azzjoni tal-Unjoni tkompli tieħu ***kont partikolari tar-Rakkmandazzjonijiet*** tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF), u ta' strumenti ta' korpi internazzjonali oħra attivi fil-ġlied kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. L-atti legali rilevanti tal-Unjoni għandhom jiġu ulterjorment allinjati, ***jekk meħtieġ***, mal-Istandards Internazzjonali dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u l-Proliferazzjoni (International Standards on Combating Money Laundering and the Financing of Terrorism and Proliferation) adottati mill-FATF fi Frar 2012 (ir- "Rakkmandazzjonijiet riveduti tal-FATF"). Bħala firmatarja tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ħasil tal-flus, it-tiftix, il-qabda u l-konfiska ta' profitti minn attivitā kriminali u l-iffinanzjar tat-terroriżmu, (is-CETS Nru 198), jinħtieġ li l-Unjoni tittrasponi r-rekwiżiti ta' din il-Konvenzjoni fl-ordinament ġuridiku tagħha.

### *Emenda*

(3) Jinħtieġ li l-azzjoni tal-Unjoni tkompli tieħu ***inkunsiderazzjoni r-Rakkmandazzjonijiet*** tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF), u ta' strumenti ta' korpi internazzjonali oħra attivi fil-ġlied kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. L-atti legali rilevanti tal-Unjoni għandhom jiġu ulterjorment allinjati mal-Istandards Internazzjonali dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u l-Proliferazzjoni (International Standards on Combating Money Laundering and the Financing of Terrorism and Proliferation) adottati mill-FATF fi Frar 2012 (ir- "Rakkmandazzjonijiet riveduti tal-FATF"). Bħala firmatarja tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ħasil tal-flus, it-tiftix, il-qabda u l-konfiska ta' profitti minn attivitā kriminali u l-iffinanzjar tat-terroriżmu, (is-CETS Nru 198), jinħtieġ li, ***bħala kwistjoni ta' urġenza***, l-Unjoni tittrasponi r-rekwiżiti ta' din il-Konvenzjoni fl-ordinament ġuridiku tagħha.

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal direttiva Premessa 7a (ġdid)**

### *Test proposet mill-Kummissjoni*

### *Emenda*

(7a) ***L-ghajjnuna umanitarja hija vitali u hija mfassla biex tiprovd, fil-livell globali, ghajjnuna u assistenza lill-persuni fil-bżonn. Jinħtieġ li l-miżuri mmirati kontra l-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u l-evażjoni tat-taxxa ma jipprevjenux lil persuni u organizzazzjonijiet milli jipprovd u ghajjnuna umanitarja lill-persuni fil-bżonn.***

## Emenda 4

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 9

*Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Sabiex il-ħasil tal-flus ikun għodda effettiva kontra l-kriminalità organizzata, jinhieg li ma jkunx neċessarju li jiġu identifikati d-dettalji spċifici tar-reat li ġgħeneraw il-proprietà, u inqas u inqas ma għandha tiġi rikjestà kundanna preċedenti jew simultanja għal dak ir-reat. Jinħtieġ ukoll li l-prosekuzzjonijiet għall-ħasil tal-flus ma jiġux imxekkla mis-sempliċi fatt li r-reat predikat twettaq fi Stat Membru ieħor jew fpajjiż terz, sakemm dan ikun reat kriminali f'dak l-Istat Membru jew pajjiż terz. **L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu bħala prerekwiżit il-fatt li r-reat predikat kien ikun reat fil-liġi nazzjonali tiegħu kieku twettaq hemm.**

*Emenda*

(9) Sabiex il-ħasil tal-flus ikun għodda effettiva kontra l-kriminalità organizzata, jinhieg li ma jkunx neċessarju li jiġu identifikati d-dettalji spċifici tar-reat li ġgħeneraw il-proprietà, u inqas u inqas ma għandha tiġi rikjestà kundanna preċedenti jew simultanja għal dak ir-reat. Jinħtieġ ukoll li l-prosekuzzjonijiet għall-ħasil tal-flus ma jiġux imxekkla mis-sempliċi fatt li r-reat predikat twettaq fi Stat Membru ieħor jew fpajjiż terz, sakemm dan ikun reat kriminali f'dak l-Istat Membru jew pajjiż terz **soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva.**

## Emenda 5

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 10a (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(10a) Huwa importanti li l-informazzjoni dwar is-sjieda beneficijarja tal-kumpaniji, it-trusts u mekkaniżmi oħra tiġi ppubblikata f'formati ta' data miftuħha sabiex tipprevjeni li kumpaniji tal-isem u entitajiet legali komparabbi jintużaw biex isir ħasil tal-flus għall-finanzjament tal-attivitàajiet terroristiċi.**

## Emenda 6

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 12a (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(12a) *Il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni, il-flussi finanzjarji illeċi u l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa għadhom ostakli għall-iżvilupp sostenibbli, jaffettwaw b'mod sproporzjonat il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jikkositwixxu theddida serja għall-futur tagħhom. L-Unjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi għandhom responsabbiltà kondivija biex itejbu l-koordinament tal-miżuri meħuda biex jiġieldu tali mġiba negattiva u dannuża u jallinjaw dawk il-miżuri mal-istrategi u l-politiki ta' żvilupp tagħhom.*

## **Emenda 7**

### **Proposta għal direttiva Premessa 12b (ġidid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(12b) *Ir-rimessi jirrappreżentaw kontribut importanti għall-iżvilupp tal-familja u tal-komunità u fil-fatt saru sors importanti ta' finanzjament għall-iżvilupp estern. Filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza li tiġi indirizzata l-evażjoni tat-taxxa, il-miżuri meħuda f'dak ir-rigward jinhieg li ma jimpedixxu it-trasferimenti internazzjonali tar-rimessi. Dan l-impediment jista' jaffettwa b'mod negattiv id-drittijiet tal-bniedem tal-persuni li jgħixu f'pajjiżi li qed jiżviluppaw. Huwa kruċjali li l-Unjoni ssahħħah il-politiki kontra t-terroriżmu sabiex ir-rimessi jmorru lejn id-direzzjoni t-tajba, u li ssahħħah l-infrastruttura formalii tar-rimessi, inkluż billi tappoġġja l-aċċess għas-servizzi bankarji u tittrasferixxi flussi mis-setturi informali għas-setturi formalii b'tali mod li tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tat-terroriżmu.*

## **Emenda 8**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 3 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Reati ta' ħasil tal-flus

*Emenda*

*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

## **Emenda 9**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-imġiba li ġejja tkun reat kriminali punibbli, ***meta mwettqa intenzjonalment:***

*Emenda*

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-imġiba li ġejja tkun reat kriminali punibbli:

## **Emenda 10**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) il-konverżjoni jew it-trasferiment ta' proprjetà, bil-konoxxenza li tali proprjetà ġejja minn attivită kriminali jew minn kompliċità ftali attivită, għall-fini ta' ħabi jew travestiment tal-oriġini illeċita tal-proprjetà jew sabiex tingħata ghajjnuna lil kwalunkwe persuna li tkun involuta fit-twettiq ta' tali attivită sabiex tevadi l-konsegwenzi legali tal-azzjoni ta' dik il-persuna;

*Emenda*

(a) il-konverżjoni jew it-trasferiment ta' proprjetà, bil-konoxxenza li tali proprjetà ġejja minn attivită kriminali jew minn kompliċità ftali attivită, għall-fini ta' ħabi jew travestiment tal-oriġini illeċita tal-proprjetà jew sabiex tingħata ghajjnuna lil kwalunkwe persuna li tkun involuta fit-twettiq ta' tali attivită, ***dan ikun biss*** sabiex tevadi l-konsegwenzi legali tal-azzjoni ta' dik il-persuna;

## **Emenda 11**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propos mill-Kummissjoni*

(c) l-akkwist, il-pussess jew l-użu ta' proprjetà, bil-konoxxenza, fiż-żmien tarriċeazzjoni tagħha, li tali proprjetà ġiet minn attivită kriminali jew minn kompliċità ftali attivită.

*Emenda*

(c) l-akkwist, il-pussess jew l-użu ta' proprjetà, bil-konoxxenza, fiż-żmien tarriċeazzjoni **tal-proprjetà u l-użu** tagħha **f'attività ekonomika jew finanzjarja**, li tali proprjetà ġiet minn attivită kriminali jew minn kompliċità ftali attivită.

*Ġustifikazzjoni*

*La consapevolezza circa l'illecita provenienza del bene potrebbe intervenire solo in un momento successive rispetto alla ricezione del bene. In tal caso, la condotta di chi impieghi in attività economica o finanziaria un bene di origine illecita, essendo consapevole - al momento del suo impiego - della illecita provenienza dello stesso, appare comunque sanzionabile. La formulazione proposta (che si ispira al dettato dell'art. 648 ter del Codice Penale italiano) esclude comunque la sanzionabilità del mero godimento del provento dell'illecito, qualora non si avesse consapevolezza della sua provenienza illecita al momento della sua ricezione.*

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(ca) jekk l-attività kriminali li minnha tkun ġejja l-proprjetà tkun twettqet fit-territorju ta' pajiżi terz, fejn, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru li jimplimenta jew jaapplika dan l-Artikolu, l-imġiba rilevanti, fil-każ li setgħet saret fit-territorju tiegħu, tikkostitwixxi reat kriminali li jaqa' fil-kategoriji tat-terroriżmu jew il-finanzjament tat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni, it-traffikar tal-bnedmin, l-isfruttament sesswali, l-iskjavitū, it-traffikar ta' skart jew it-traffikar ta' speċijiet selvaġġi, jew reat ta' taxxa;

*Ġustifikazzjoni*

*Il-fatt li tiġi prevista responsabilità kriminali doppja għal ċerti reati jfisser li tiġi ffavorita attivită kriminali jew jiġi ffavoriti gruppi kriminali lijisfruttaw lakuni f'uħud mill-ligħiġiet ta' pajiżi terzi sabiex imbagħad jinvestu r-rikavat fl-Ewropa. Ir-reati msemmi jin huma tant serji u n-natura illegali tal-imġiba hija tant ovvja li l-fatt li wieħed ikun involva ruħu f'attività f'ordinament ġuridiku li ma jiddefinixxihomx bħala reat kriminali per se ma jkunx tali sabiex*

*tiġi kkonsentita l-invokazzjoni tal-prinċipju "nullum crimen sine lege".*

### **Emenda 13**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1**

*Test propos mill-Kummissjoni*

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-imġiba msemmija fl-Artikoli 3 u 4 tkun punibbli permezz ta' pieni kriminali effettivi, proporzjonali u dissważivi.

*Emenda*

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-imġiba msemmija fl-Artikoli 3 u 4 tkun punibbli permezz ta' pieni kriminali **awtonomi**, effettivi, proporzjonali u dissważivi, **b'rispett strett għad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji ġenerali tal-liggi kriminali li jipproteġu d-drittijiet tad-difċa u tal-akkużat.**

### **Emenda 14**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2**

*Test propos mill-Kummissjoni*

2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li r-reati msemmija fl-Artikolu 3 jkunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas erba' snin, **għall-inqas f'każijiet serji.**

*Emenda*

2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li r-reati msemmija fl-Artikolu 3 jkunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas erba' snin.

### **Emenda 15**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Kull Stat Membru għandu jieħu miżuri biex jiżgura li l-persuni fiżiċi responsabbi għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4, inkluż meta jkunu ħadmu permezz ta' persuna ġuridika, ikunu punibbli anki permezz ta' sanzjonijiet komplementarji bħal:**

(a) *projbizzjoni temporanja jew permanenti li tali persuna tidħol f'kuntratti ma' awtoritajiet pubbliċi, blesklużjoni ta' kuntratti ta' impjieg;*

(b) *skwalifika temporanja mill-eżerċizzju ta' attivitajiet kummerċjali.*

## Emenda 16

### Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2b (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2b. Il-Kummissjoni għandha ta' ġevela l- armonizzazzjoni u l-kkordinazzjoni l- livell ta' severità tal-pieni, kemm minimi kif ukoll massimi, previsti f'dan il-qasam tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri, b'attenzjoni partikolari għall-karatteristiċi specifiċċi tas-sistema ġuridika ta' kull Stat Membru.*

## Emenda 17

### Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2c (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2c. Kull Stat Membru għandu jiżgura li r-reati msemmija fl-Artikolu 3 ikunu punibbli b'terminu minimu ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sentejn, fil-preżenza ta' wieħed mill-fatturi aggravanti msemmija fl-Artikolu 6.*

## Emenda 18

### Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ba (ġidid)

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(ba) *il-ħasil tal-flus jew ta' proprjetajiet  
żejjin minn attivitajiet terroristiċi jew  
minn traffikar tal-armi jew il-ħasil ikollu  
l-għan li jifinanzja attivitajiet terroristiċi  
jew traffikar tal-armi.*

## **Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt bb (ġidid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(bb) *il-ħasil tal-proprjetajiet jew tal-flus  
jammonta għal valur ta' EUR 500 000 jew  
aktar.*

## **Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttiorja**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Kull Stat Membru għandu jiżgura li persuna ġuridika li tkun instabett responsabbli għal reati skont l-Artikolu 6 tkun punibbli permezz ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, li għandhom jinkludu multi kriminali u mhux kriminali, bħal:

Kull Stat Membru għandu jiżgura li persuna ġuridika li tinżamm responsabbi għal reati skont l-Artikolu 6 tkun punibbli permezz ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, li għandhom jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali u jistgħu jinkludu sanzjonijiet oħra, *b'rispett strett għad-drittijiet fundamentali u l-prinċpiji ġenerali tal-liġi kriminali li jipproteġu d-drittijiet tad-difċza u tal-akkużat, bħal:*

## **Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt 1a (ġidid)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1a) il-projbizzjoni permanenti li tali persuna tidħol f'kuntratti ma' awtoritajiet pubbliċi;*

## **Emenda 22**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 8a (ġidid)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

### **Artikolu 8a**

*Sekwestru tal-proprietà u tar-rikavati li ġejjin minn attivitajiet kriminali*

**I.** *Kull Stat Membru għandu jiżgura li r-rikavati kollha li jkunu ġejjin minn attività kriminali kif definit fl-Artikolu 2 ikunu sekwestrati fejn, abbażi taċ-ċirkostanzi tal-każ u meta jitqiesu l-fatti speċifiċi u l-evidenza disponibbli, inkluż, pereżempju, il-fatt li l-valur tal-proprietà jkun sproporzjonat meta mqabbel mad-dħul leġittimu tal-persuna kkundannata, l-awtoritajiet ġudizzjarji jkunu konvinti li l-proprietà inkwistjekoni tkun ġejja minn imġiba kriminali f'waħda mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) ir-reat ta' ħasil tal-flus kif definit f'din id-Direttiva ġie stabbilit b'sentenza ta' kundanna li għandha s-saħħa ta' res judicata fi Stat Membru jew, wara kundanna li mhijiex definittiva, bdiet tapplika l-preskrizzjoni jew ir-reat ikun ġie estint wara l-mewt tal-persuna ħatja; jew*

*(b) ir-reat li minnu jkun ġej ir-rikavat (reat predikat) ikun twettaq kif stabbilit b'sentenza maħruġa mill-Istat Membru jew pajjiż terz jew, wara sentenza li matkunx definittiva, bdiet tapplika l-preskrizzjoni jew ir-reat ikun ġie estint wara l-mewt tal-persuna ħatja.*

2. *Dan l-Artikolu japplika  
irrispettivamente mill-fatt li r-reat tal-ħasil  
tal-flus jew ir-reat predikat ikunu saru  
minn persuna fiżika jew persuna  
ġuridika.*

### Emenda 23

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ba) it-trasgressur tar-reat ikun  
residenti jew ikollu residenza fit-territorju  
ta' dak l-Istat Membru u ma jkunx  
ċittadin ta' Stat Membru ieħor;*

### Emenda 24

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(bb) ir-reat ikun sar għall-benefiċċju  
ta' persuna ġuridika stabbilità fit-  
territorju tiegħu;*

### Emenda 25

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt bc (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(bc) il-proprjetajiet soġġetti għall-ħasil  
tal-flus jew ir-rikavati minn attivitā ta'  
ħasil tal-flus ikunu jinsabu fit-territorju  
tiegħu jew taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu.*

## **Emenda 26**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt bd (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(bd) it-trasgressur ġie arrestat fit-territorju tiegħu;*

## **Emenda 27**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 9a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 9a*

*Il-ġurisdizzjoni ta' aktar minn Stat  
Membru wieħed*

**1.** *Sabiex tkun iffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-koordinazzjoni tal-azzjoni tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kooperazzjoni transfruntiera u l-iskambju ta' informazzjoni jkunu mtejba, inkluż permezz tal-Eurojust.*

**2.** *Kull Stat Membru għandu jadotta leġiżlazzjoni b'tali mod li jagħmilha possibbli li jiġi riżolt b'mod effikaċi u rapidu kwalunkwe kunflitt pożittiv jew negattiv ta' ġurisdizzjoni. Meta reat jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed u jkunu jistgħu jittieħdu passi f'aktar minn wieħed minn dawk l-Istati Membri abbażi tal-istess fatti, dawk l-Istati Membri għandhom jikkooperaw sabiex jiddeċiedu liema minnhom sejkollu ġurisdizzjoni bil-għan, jekk possibbli, li jiċċentralizzaw il-proċedimenti f'dak l-Istat Membru.*

*L-Istati Membri riferuti fl-ewwel subparagrafu għandhom jinkludu l-Istati Membri kollha li għandhom ġurisdizzjoni jew li jkunu stabbilixxew il-ġurisdizzjoni*

*tagħhom skont l-Artikolu 9.*

## **Emenda 28**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 9b (ġidid)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

### **Artikolu 9b**

***Ritorn ta' fondi u assi illegali lejn il-pajjiż ta' oriġini***

***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirritornaw il-fondi u l-assi li jirriżultaw minn, jew huma s-suġġett ta', attività illegali lejn il-pajjiż terz ta' oriġini. Dawk il-fondi u l-assi għandhom jiġu rritornati lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw ta' oriġini dment li jintużaw għal:***

***(a) it-titjib tal-kundizzjonijiet ta' għajxien tal-popolazzjoni ta' dawk il-pajjiżi, b'mod partikolari l-aktar persuni vulnerabbli fit-territorju tagħhom,***

***(a) it-tishħiħ tal-istat tad-dritt f'dawk il-pajjiżi bil-għan li jikkontribwi x Xu għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u atti kriminali oħra.***

## **Emenda 29**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 1**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Kull Stat Membru għandu jiżgura li ġħodod investigattivi effettivi, bħal dawk li jintużaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew reati gravi jkunu disponibbli għal persuni, unitajiet jew servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-

Kull Stat Membru għandu jiżgura li ġħodod investigattivi effettivi, bħal dawk li jintużaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew reati gravi jkunu disponibbli għal persuni, unitajiet jew servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-

Artikoli 3 u 4.

Artikoli 3 u 4; *dawn għandhom jinkludu persunal u riżorsi adegwati u taħriġ speċifiku u mmirat.*

## Emenda 30

### Proposta għal direttiva Artikolu 10a (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 10a*

##### *Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-Unjoni u l-pajjiżi terzi*

1. *Kull Stat Membru għandu jadotta miżuri effettivi biex iżid il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-Istati Membri u mal-Unjoni biex jipprevjjeni arbitraġġ regolatorju, biex jintensifikasi dd-dIALOGU u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, inkluż billi jiżviluppa komunikazzjoni effettiva, u biex jiġġieled il-ħasil tal-flus.*

2. *L-Istati Membri għandhom iżidu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari biex jippromwovu prattiki tajba li għandhom l-għan li jsaħħu s-sistemi finanzjarji tagħhom. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu riformi bil-ħan li jimplimentaw miżuri u mekkaniżmi effettivi biex jiġgielu l-ħasil tal-flus u jiżviluppaw kooperazzjoni internazzjonali effettiva rigward il-ħasil tal-flus, skont il-prinċipju tal-kooperazzjoni sinċiera.*

3. *Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra modi kif ittejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali u tappoġġja l-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz ta' miżuri effikaċi, b'mod partikolari l-istabbiliment ta' programmi ta' assistenza teknika, sabiex tippermetti lill-pajjiżi li qed jivżiluppaw itejbu s-sistemi amministrativi u legali tagħhom bil-ħan li jiġgielu l-ħasil tal-flus b'mod aktar effettiv.*

## **Emenda 31**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċesarji għall-konformità ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [24 xahar wara l-adozzjoni]. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

#### *Emenda*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċesarji għall-konformità ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [12-il xahar wara l-adozzjoni]. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

## **Emenda 32**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni, sa [24 xahar wara l-iskadenza tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva], tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivaluta sa fejn l-Istati Membri ġadu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva.

#### *Emenda*

Il-Kummissjoni, sa [12-il xahar wara l-iskadenza tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva], tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivaluta sa fejn l-Istati Membri ġadu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva.

## PROċEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali	
<b>Referenzi</b>	COM(2016)0826 – C8-0534/2016 – 2016/0414(COD)	
<b>Kumitat responsabbi</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 13.2.2017	
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 13.2.2017	
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Ignazio Corrao 8.6.2017	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	30.8.2017	
<b>Data tal-adozzjoni</b>	9.10.2017	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	11 10 4
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Beatriz Becerra Basterrechea, Ignazio Corrao, Doru-Claudian Frunzulică, Enrique Guerrero Salom, Maria Heubuch, György Hölvényi, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Arne Lietz, Norbert Neuser, Vincent Peillon, Maurice Ponga, Lola Sánchez Caldentey, Eleftherios Synadinos, Eleni Theοcharous, Paavo Väyrynen, Bogdan Brunon Wenta, Anna Záboršká, Joachim Zeller, Željana Zovko	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marina Albiol Guzmán, Thierry Cornillet, Brian Hayes, Cécile Kashetu Kyenge, Florent Marcellesi, Patrizia Toia	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>11</b>	<b>+</b>
EFDD	Ignazio Corrao
GUE-NGL	Marina Albiol Guzmán, Lola Sánchez Caldentey
NI	Eleftherios Synadinos
S&D	Doru-Claudian Frunzulică, Enrique Guerrero Salom, Cécile Kashetu Kyenge, Arne Lietz, Norbert Neuser, Vincent Peillon, Patrizia Toia

<b>10</b>	<b>-</b>
PPE	Brian Hayes, György Hölvényi, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Maurice Ponga, Bogdan Brunon Wenta, Joachim Zeller, Željana Zovko, Anna Záborská
Verts/ALE	Maria Heubuch, Florent Marcellesi

<b>4</b>	<b>0</b>
ALDE	Beatriz Becerra Basterrechea, Thierry Cornillet, Paavo Väyrynen
ECR	Eleni Theocharous

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni